KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 21

**L-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (wasal fis-6:00pm)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 21.1 Qari tal-Apoloġiji

21.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kienet indisposta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 20

21.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

21.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 20 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 21.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku informa lis-SE li kien inġema' ħafna ilma fil-parkeġġ tal-knisja. Hija kienet se tieħu ħsieb tkellem lill-kuntrattur li ħa ħsieb ix-xogħol.

21.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien rebaħ €25,000 l-iskema tal-*mobility* għal *electric van* u aktar fondi għall-iskema tal-LC Care tal-annimali. Għaldqstant wara l-iffirmar tal-kuntratti, is-SE kienet se tibda l-proċess tal-*procurement*. Is-SE ikkonfermat li kienet daħħlet l-informazzjoni neċessarja fir-rigward tal-iskema għall-estensjoni tal-bosk ukoll.

21.3.3 Is-Sindku informa li kienet saret konferenza stampa dwar tnedija ta' skema dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Wara diskussjoni u diversi suġġerimenti, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Periti ta' Studju Urban biex jifhem aħjar x'jista' jsir fil-lokalità fir-rigward tas-sistema tal-ġbir ta' skart. Bħala idea, il-Kunsill qabel fuq il-kunċett li r-residenti jixtru home composter bi prezz issussidjat mill-Kunsill Lokali permezz ta' din l-iskema.

21.3.4 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal permess mad-DLG sabiex jiġi impjegat *Contracts Manager* fuq bażi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa.

21.3.5 Għalkemm ġie kkonfermat li ma kinux se jsiru attivitajiet tal-Milied, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li ssir l-ikla tal-kunsill bejn l-impjegati u l-Kunsilliera, għalkemm sabiex in-numru jibqa' żgħir, din id-darba ma kinux se jiġu mistiedna l-*partners*.

21.3.6 Kien hemm qbil li jinħareġ fuljett ta' 4 paġni għal żmien il-Milied. Dan kien se jieħu ħsiebu s-Sindku.

21.3.7 Għall-mistoqsija mis-Sindku dwar is-sitwazzjoni tal-proġett tas-soft areas ta' bejn il-barracks, is-SE infurmat li kienu nxtraw bi kwazi €500 f'siġar tal-frott u ħwawar u nżergħu fil-*planters* ta' Trejqet il-Qronfol, Misraħ il-Warda tax-Xemx u Trejqet il-Ġilju. Kienu tneħħew ukoll numru ta' pjanti invażivi u ddaħħlet applikazzjoni għal siġra aljena sabiex minflokha tinżera siġra tar-rummien kbira li kienet ġiet offruta minn resident. Il-konsulent ekoloġiku kien beda l-eżerċizzju tal-kejl tal-*planters* bejn il-*barracks* iżda kien infurmaha li kien hemm wisq xogħol

mitlub biex jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jestendi d-data tat-tlestija tar-rapport sal-aħħar ta' Jannar 2021.

21.3.8 Is-Sindku informa li wara l-baġit kien ħa ħsieb biex jikteb lill-Ministeru tal-MITP kif ukoll lis-Segretarju Permanenti fir-rigward tal-proġett tal-pjazza.

21.3.9 Fuq l-istess proġett, is-Sindku informa li l-Kunsill kien tkellem mal-HA dwar iż-żona ta' quddiem il-gym u għadna qed nistennew risposta lura. Sadanittant kien irċieva wkoll talba min-naħa tal-kumitat tad-Depiro biex issir laqgħa.

21.3.10 Għall-mistoqsija dwar il-proġett ta' tibdil fil-bankina u l-installazzjoni tad-dawl fi Triq Dar il-Kaptan, is-SE infurmat li l-Kunsill ma setgħax ikompli jikkommetti ruħu għal aktar proġetti fid-dawl li għandu commitments kbar fir-rigward tal-proġett tar-restawr tat-torri tal-arloġġ u l-bini tal-interpretation centre. Hija infurmat li l-varjazzjonijiet fuq il-prezzijiet u x-xogħlijiet fuqil-proġett kollu kienu telgħu għal aktar minn €400,000 aktar minn dak previst u għaldaqstant il-Kunsill kellu jiddeċiedi dwar x'hemm bżonn li jsir matul is-sena 2021 u x'jista' jsir fis-snin ta' wara.

21.3.11 Hawnhekk kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża temporanjament sabiex il-Kunsill jagħmel kommunikazzjoni mal-accountant sabiex tikkonferma dan kollu. Il-ħin kien is-6:55pm. Min-naħa tagħha l-accountant ikkonfermat li għalkemm il-Kunsill kellu xi tfaddil, kien limitat ħafna dwar l-infiq li seta' jagħmel is-sena d-dieħla minħabba restrizzjonijiet li kellu marbuta mal-proġett tat-torri u l-visitors centre. Hija infurmat li għal din is-sena, il-Kunsill ma kellux aktar minn €70,000 bħala *working capital* u li minnhom kellu jnaqqas madwar €28,000 għal spejjeż li se jitħallsu s-sena d-dieħla.

21.3.12 Wara li spiċċat il-kommunikazzjoni mal-accountant, il-Kunsill qabel li x-xogħol fuq il-proġett tal-arloġġ u l-visitors centre ma setgħux jieqfu u għaldaqstant, b'mod unanimu, kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bil-preparamenti tal-kuntratti għall-M&E's, ELV's u light fittings għall-Visitors Centre, għalkemm is-SE ġiet mitluba tikkonferma mal-perit li dawn ix-xogħlijiet imorru id f'id u li jieħdu preċedenza fuq l-offerti u xogħlijiet oħra. Dawn it-tliet offerti kienu jammontaw għal madwar €200,000. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill assolutament ma jistax jonfoq aktar minn dan l-ammont u fl-istess waqt infurmat li hija kienet qed tistenna xi risposti min-naħa tal-PPCD qabel ma tkun tista' tgħaddi talba għal aktar fondi mill-MA sabiex possibbilment is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill titjieb xi ftit. Min-naħa tiegħu, is-Sindku informa li huwa kien se jagħmel l-almu tiegħu sabiex possibbilment il-Kunsill jingħata xi tip ta' għajnuna finanzjarja min-naħa tal-Gvern Ċentrali biex il-Kunsill ma jispiċċax jiddejjen biex ilesti dan il-proġett kif ukoll oħrajn li diġà huma kommessi.

Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta wkoll lista ta' proġetti u *commitments* li kien hemm deċiżjonijiet dwarhom fil-passat viċin u l-Kunsill qabel li:

- **Sistema tal-irrigazzjoni:** Il-Kunsill kien rebaħ €29,235.73 f'fondi biex isiru sistemi ta' irrigazzjoni fil-bosk, fi Triq il-Gladjoli u fi Ġnien is-Sinjura. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel tajjeb għad-differenza li jkun hemm bżonn biex il-proġett isir b'mod sodisfaċenti kif ukoll il-15% tal-ammont imsemmi hawn fuq.
- **LC Care:** Il-Kunsill kien rebaħ xi fondi biex imexxi din l-iskema (għadu ma ġiex magħruf eżatt kemm) u kien qed jobbliga ruħu li joħroġ madwar €1600 bħala ko-finanzjament.
- **Electric Van:** Il-Kunsill kien rebaħ €25,000 bħala sussidju biex jinxtara vann għall-komunità. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ id-differenza ta' madwar €35,000 li

hemm bżonn għax-xiri, pubbliċità u infrastruttura neċessarja biex jitħaddem dan il-vann.

- **Kċina ġdida:** Il-Kunsill qabel li għandhom jintefqu mhux aktar minn €1200 sabiex isir ir-rinovar neċessarju fil-kċina tal-Kunsill.
- **Skema tal-MAGF:** Il-Kunsill qabel li għandha tiddaħħal applikazzjoni għar-rijabilitazzjoni tal-bosk u għal tisbiħ bejn l-eks barracks. Kemm-il darba l-applikazzjoni tal-Kunsill tkun rebbieħa, jingħata sa massimu ta' €50,000 u għaldaqstant kien qed jaqbel li se jagħmel tajjeb għall-20% tad-differenza.
- **Applikazzjoni għall-fondi għal Pjazza fi Triq San Oswald:** Is-SE infurmat li hija kienet qed timla applikazzjoni ġdida għall-belveder ta' San Oswald però mill-estimi finanzjarji kien jidher biċ-ċar li l-Kunsill ma kellux fondi biex jagħmel tajjeb għall-20% tax-xogħlijiet kemm-il darba l-iskema tkun waħda rebbieħa wkoll. Talbet għaldaqstant lill-Kunsill biex din l-applikazzjoni ma tiġix sottomessa u l-Kunsill idaħħal applikazzjoni s-sena d-dieħla jekk terġa' tinħareġ l-iskema. Il-Kunsill qabel li għandha tiddaħħal l-applikazzjoni u kemm-il darba jintrebħu l-fondi, il-Kunsill jerġa' jiddiskuti dan il-proġett u jieħu deċiżjoni skont il-finanzi tal-Kunsill fil-waqt.
- **Il-proġett ta' Triq Dar il-Kaptan:** il-periti se jintalbu jerġgħu jirrevedu l-pjanta li għaddew u wara li tiġi deċiża minn TM, il-Kunsill kien se jitlob lill-Infrastructure Malta jew lill-MTIP biex jagħmlu dan ix-xogħol.
- **Cameras ġodda għaż-żona tal-bosk**: Għalissa dawn ma kinux possibbli li jinxtraw għalkemm is-SE se tara l-possibbiltà li jitranġaw dawk li hemm bħalissa.
- **Skema tad-DLG għall-estensjoni tal-bosk:** Is-SE infurmat li kienet diġà ssottomettiet applikazzjoni għal dan ix-xogħol imma għadha ma rċevietx lura jekk hux se jingħataw xi fondi. Kien hemm qbiil li terġa' tiġi diskussa meta joħorġu r-riżultati bil-ħsieb li jekk il-Kunsill jingħata l-fondi, ikun hemm possibbiltà li nitolbu għajnuna mill-Ministeru tal-Ambjent.
- **Estensjoni tad-dawl fi Ġnien is-Sinjura:** Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għal aktar fondi min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn il-Kunsill joħroġ biss 20% tal-ammont.
- **Dawl ġdid fi Triq San Alessi:** Il-Kunsill qabel li din it-talba terġa' tiġi diskussa għall-baġit tas-sena 2022.

Is-SE fakkret ukoll li ma' dawn kollha, ovvjament il-Kunsill Lokali kien se jkollu joħroġ l-20% tal-ammont li se jingħata min-naħa tal-Managing Authority fir-rigward tal-proġett tat-torri tal-arloġġ u l-bini tal-visitors centre. Hija saħħqet li matul is-sena 2021, huwa importanti li l-Kunsill iżomm strettament ma' dawn id-deċiżjonijiet biss għaliex għalkemm matul dawn is-snin irnexxielu jfaddal ammont sostanzjali appuntu minħabba dan il-proġett kbir, kienet se tkun sfida kbira biex il-Kunsill jirnexxielu jispiċċa s-sena mingħajr telf.

## 21.4 BIS – Triq Gregorio Carafa

21.4.1 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat minn residenta biex jitneħħew l-iskips ta' Triq Gregorio Carafa. Is-SE infurmat li sadanittant hi kienet bagħtet *email* lir-Reġjun biex tara fiex waslet l-offerta tal-cameras għaliex il-Kunsill kien għamel talba għal camera f'dan il-punt li kellha tiġi mqabbda mas-sistema tal-LESA. Il-Kunsill iddecieda li sadanittant għandha ssir kommunikazzjoni lir-residenti tal-madwar biex jagħtu feedback jekk jaqblux li l-BIS tibqa' u jistennew li titwaħħal camera inkella li din il-BIS tiġi eliminata totalment. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li għall-ftit li jabbużaw din il-BIS hemm ħafna oħrajn li jużawha regolarment u tajjeb u infatti l-ammonti ta' materjal riċiklat li jirċievi data dwarhom il-Kunsill juru li bħala lokalità, il-BIS jiġġeneraw ammont sostanzjali meta mqabbel mal-ġabra normali. Hija qalet li l-Kunsill għandu obbligu li jassigura li l-ammont ta' skart riċiklabbli jiżboq dak tal-borża s-

sewda u għaldaqstant bħala Kunsill għandu jassigura li jkompli jilħaq u jgħolli din il-mira. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill qabel li r-residenti għandhom diġà żewġ ġabriet fil-ġimgħa u għaldaqstant jekk ikun hemm ħtieġa, din il-BIS għandha titneħħa.

## 21.5 Ċir. AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjonit tas-Saħħa 2021

21.5.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet is-soltu dokumentazzjoni dwar il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa li tieħu ħsieb l-AKL. Il-Kunsill qabel li jissieħeb bħas-soltu.

## 21.6 Laqgħa Pubblika tal-Lokalità

21.6.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien obbligat mil-liġi li jorganizza laqgħa pubblika għar-residenti sabiex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Din il-laqgħa għandha ssir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru. Hija infurmat li min-naħa tal-ANSEK kienet tat direttiva lis-SE sabiex ma jattendux il-laqgħa pubblika sakemm ikun hemm il-pubbliku iżda din setgħet tinżamm onlajn. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-laqgħa m'għandhiex tinżamm għaliex wieħed seta' dejjem isegwi l-laqgħa tal-Kunsill fejn jiġu diskussjoni l-estimi finanzjarji, il-Kunsill seta' jwassal l-informazzjoni fuq il-paġna ta' facebook u jekk ikun hemm xi residenti li jagħmlu xi talbiet speċifiċi, il-Kunsilliera kienu dejjem disponibbli biex jisimgħuhom.

## 21.7 *Performance Bonus* tal-Iskema CWSEF

21.7.1 Is-SE għaddiet kopja tal-*evaluation sheets* ta' żewġ ħaddiema li ma kinux għadhom jaħdmu mal-Kunsill. Is-SE spjegat li waħda miż-żewġ ħaddiem kienet effiċjenti ħafna f'xogħlha però din is-sena kienet ħadet ħafna *vacation leave* u *sick leave* u kulma attendiet kienu ftit ġranet fil-ġimgħa matul l-ewwel tlett xhur biss, filwaqt li l-*performance* tal-ħaddiem l-ieħor ma kinitx suffiċjenti. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-SE li ma jingħata ebda *performance bonus*.

## 21.8 *Maintenance Agreement* dwar il-Bandli

21.8.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Ministeru kienu għaddewlha kopja ta' *maintenance agreement* dwar l-istrutturi tal-logħob li jinsabu fil-bandli. Min-naħa tagħha irrakkomandat li ladarba l-bandli mhux responsabbiltà tal-Kunsill, il-Kunsill m'għandux jidħol għal dan il-ftehim. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni sakemm dan il-ġnien ma jiġix devolut lill-Kunsill Lokali.

## 21.9 Tneħħija ta' Assi minn fuq l-Inventarju

21.9.1 Is-SE infurmat dwar il-bżonn li minn fuq l-inventarju jitneħħew is-segwenti:

Off012 – *cupboard* tal-kċina fil-binja tal-Kunsill

21.9.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 21.10 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

21.10.1 Il-Kunsillier Mifsud ma kinitx preżenti u għaldaqstant ma setgħetx tgħaddi ebda kommunikazzjoni.

## 21.11 Punti Oħra

21.11.1 Is-SE infurmat li d-dawl ta' Ġnien is-Sinjura kien tlesta kollu u nxtegħel. Infurmat li kienet se tiltaqa' għada fuq il-post biex jiġi identifikat fejn jista' jitmexxa l-arblu fejn hemm il-ħsara strutturali.

21.11.2 Is-SE infurmat li s-Sur Charlie Pace kien lest li jagħti tutorial fuq il-post u ieħor fil-binja tal-Kunsill dwar kif taħdem il-magna tal-arloġġ tal-Imtarfa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u talab lis-SE toħroġ is-sejħa għall-parteċipanti.

21.11.2 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-minuti tas-sottokumitat tal-ambjent permezz tal-email (kopja mehmuża). Hija qrat il-punti saljenti tal-minuti u dawn ġew approvati.

21.8.3 Hawnhekk is-SE ħadet spunt billi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex permezz tas-sottokumitat tal-ambjent u l-għajnuna tal-Iskola Primarja u l-Pulizija tal-Komunità, il-Kunsill jesplora l-possibbiltà li jaħdem fuq kampanja edukattiva biex uħud mit-tfal tal-Iskola Primarja jmorru l-iskola bir-rota minflok jitwasslu mill-ġenituri. Il-benefiċċji ta' kampanja simili kienu li jitnaqqasu l-vetturi tal-ġenituri mit-toroq, it-tfal jitgħallmu josservaw aktar ir-regolamenti tat-traffiku, ikunu qed jagħmlu eżerċizzju fiżiku kuljum u jitgħallmu jsuqu r-rota bħala grupp mingħajr abbużi żejda. Il-Kunsill qabel perfettament ma' din l-idea.

21.8.4 Is-SE infurmat li bl-€1000 li kien offra r-Reġjun Tramuntana sabiex jinxtara tagħmir tal-Milied, kienu nxtraw 11-il *christmas tree* u tpoġġew fil-pjazza prinċipali.

21.8.5 Hia infurmat li kienet marret għal laqgħa mal-Periti ta' IM u l-Perit tal-kuntrattur Bonnici Bros. dwar il-problemi li nħolqu bix-xogħlijiet li saru bejn il-*barracks*. Hija infurmat li għalkemm kienet għamlet ix-xita l-lejl ta' qabel, ma kienx hemm x'juri li kien hemm problemi

21.8.6 tal-ilma fit-toroq waqt il-ħin tal-ispezzjoni. Min-naħa l-oħra, kien hemm qbil li IM għandha tagħmel survey fi Triq il-Ġiżi biex jiġi ddeterminat fejn jista' jitwaddab l-ilma tax-xita. Hi kienet intalbet terġa' tgħaddi wkoll ir-rapport tal-*enġineer* fir-rigward tad-dawl.

21.8.7 Hawnhekk is-SE infurmat li kienu ttieħdu l-kejlijiet tal-ispazju għar-rampa fi Triq San Oswald fejn kien ġie indikat (tul ir-rampa tal-garaxxijiet) iżda ma kienx hemm tul biżżejjed biex issir rampa skont l-istandards tal-KNPD.

21.8.7 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mar-resident li kellu problema ta' umdità fil-bitħa fi Trejqet it-Tulipani u għalkemm kien ġie ffissat appuntament ma kienx inżamm għaliex il-perit kien indispost. Hija infurmat li kien se jerġa jsir tentattiv ieħor aktar 'il quddiem.

## 21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

21.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 11), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Sammut Dimech proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 21.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

21.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020 fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2021.

Dr Daniel John Attard
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv